MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1070/1986/1

Rita Galea u Maria Cassar ahwa mwieldin Muscat
vs
Giovanna u Giorgio ahwa Muscat u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2000 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Josephine Axisa minflok Giovanna Muscat li mietet fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Il-kontendenti huma l-erbat itfal ta' Michele u Giuseppa gja konjugi Muscat.
Giuseppa Muscat mietet intestata fis-27 ta' Novembru, 1940.

Michele Muscat miet fit-13 ta' Frar, 1975 u halla zewg testmenti – wiehed tas-26 ta' Frar, 1966 u l-iehor tat-3 ta' Novembru 1969 – it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Agius.

Fl-ewwel testment hemm, fost artikoli ohra: (a) prelegat lill-konvenuta Giovanna Muscat tal-ghamara u l-oggetti mobbli kollha inkluzi flus – li jkunu fid-dar tal-abitazzjoni tat-testatur – inkluzi dawk li kienu jappartjenu wkoll lill-martu premorta; u (b) innomina lill-kontendenti bhala eredi ugwali u universali tieghu kwart kull wiehed.

Fit-tieni testment hemm, fost artikoli ohra: (a) konferma tat-testment precedenti; (b) fondazzjoni ta' quddies; (c) prelegat favur il-konvenuta Giovanna Muscat tad-drittijiet ereditarji li t-testatur kellu fuq il-wirt ta' ohtu Giuseppa.

Illi ghalhekk, in forza ta' l-ewwel testment u minhabba l-fatt li omm il-kontendenti mietet intestata – il-partijiet kienu qeghdin fi stat ta' koproprjeta` li l-atturi ma riedux li tkompli.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn Michele u Giuseppa Muscat li spiccat bil-mewt ta' din fis-27 ta' Novembru, 1940 u nofs l-istess jigi assenjat lill-eredita` ta' Michele u n-nofs l-iehor jinqasam f'erba partijiet ugwali bejn il-kontendenti u lilhom assenjati bhala eredi ta' l-istess Giuseppa Muscat.

2. L-attiv kollu tal-eredita` ta' Michele Muscat jigi likwidat u wara li jigu sodisfatti l-legati u prelegati msemmija l-istess eredita` tigi diviza f'erba' porzjonijiet ugwali u lil kull wiehed mill-kontendenti tigi assenjata wahda mill-istess erba' porzjonijiet.

3. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-immobbli li jirrizultaw li mhumiex kommodament divizibbli, jekk dan ikun necessarju u opportun ghall-istess divizjoni.

4. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' divizjoni jekk dan ikun hemm bzonn u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez – il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Giovanna Muscat li eccepiet:

Illi l-konvenuta dejjem kienet u ghadha disposta li ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejtin genituri taghhom, u ghad-divizjoni tal-assi immobiljari tal-mejtin Michele u Giuseppa Muscat, wara ovvjament li jigu sodisfatti l-prelegati kollha.

Illi ghalhekk l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sofferti mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Giorgio Muscat li eccepixxa:

Illi huwa ma jopponix ruhu ghad-divizjoni salv il-verifika tal-kwoti u l-konsistenza tal-assi mhollija miz-zewg genituri u partikolarment id-deheb minnhom imholli.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Ottubru, 1987 gie nominat bhala Perit Legali Dr. R. Rossingaud u bhala perit Arkitett il-Perit Pace biex jassistih.

Rat li fid-19 ta' Ottubru, 1992 il-Perit Legali gie sostitwit b'Dr. Marco Grixti u b'digriet tas-27 ta' Novembru 1996 Dr. Rossignaud gie sostitwit b' Dr. Joseph Buttigieg.

Rat ir-relazzjoni peritali tal-Perit Tekniku David Pace. Fir-relazzjoni tieghu hu kkonkluda illi:
"07. Il-fond in kwistjoni llum igib in-numru 370, Triq il-Vitorja, Qormi u mhux aktar in-numru 39 billi n-numerazzjoni tal-bibien f'dina t-triq inbidlet. Access jittiehed minn bieb ta' remissa li jaghti ghal passagg li fit-tarf tieghu fih bieb ghal go bitha mdaqqsa. Fuq ix-xellug tal-passagg qabel il-bieb tal-bitha hemm bieb iehor illi jaghti ghall-ambjent numru 1 li fih tieqa ghal fuq il-bitha, bieb magemb it-tieqa ghal go l-ambjent numru 2 uzat bhala kcina. Dana l-ambjent numru 2 fih bieb u tieqa fil-hajt tal-gemb tal-lemin illi jaghtu ghal fuq il-bitha msemmija. Minn dan l-ambjent numru 2 bieb jaghti ghal ambjent numru 3 illi huwa wzat bhala kamra tal-banju u li fih tieqa zghira ghal fuq bitha ohra li hemm wara l-ewwel wahda. Il-btiehi fil-fatt huma interkonnessi u mit-tarf ta' wara ta' l-ewwel bitha bieb go hajt baxx ighaddi ghal got-tieni bitha. Dina t-tieni bitha ddur "L" madwar l-ambjent numru 3 u fit-tarf ta' dina t-tieni bitha hemm loggia bil-hnejjiet illi fuq ix-xellug taghha hemm zbokk ta' tarag illi jitla' minn gol-kantina u fil-faccata hemm zewg ambjenti kontigwi numru 4 u 5 illi t-tnejn fihom bieb u tieqa ghal fuq il-loggia u tieqa fil-gholi fil-hajt ta' wara ghal fuq gardina li ma tifformax parti minn dina l-kawza. Fuq il-lemin tal-loggia hemm bieb li jaghti ghall-ambjent numru 6 illi l-partijiet isejhulha bhala l-mithna. Fuq il-lemin tat-tieni bitha wkoll hemm spazju li jifforma l-ambjent numru 7 li huwa accessibbli mil-loggia u li jinkorpora l-ispazju ta' taht tarag mikxuf illi jitla' mill-ewwel bitha ghal livell ta' fuq fejn hemm l-ghorof tal-fond.

08. F'nofs dan it-tarag bieb baxx fil-hajt tal-lemin jaghti access ghall-ambjent numru 7 illi fil-fatt huwa raff mibni fl-arja tal-mithna. It-tarag imbaghad jibqa' tiela u jikser fuq

ix-xellug u jasal ghal setah illi jifforma l-arja ta’ fuq il-loggia.

09. Minn dan is-setah zewg bibien jaghtu ghall-ambjenti numru 8 u 9 illi huma ambjenti kontigwi u jinsabu sovraposti ghall-ambjenti numru 4 u 5 tal-pjan terran. Dawn iz-zewg ambjenti wkoll fihom tieqa ghal fuq is-setah. F’tarf is-setah imbaghad tarag baxx jaghti ghal fuq il-bjut ta’ l-ambjenti numru 1 sa 3 illi jduru mal-btiehi.

10. Minn barra dan hemm ukoll access mill-genb tal-lemin permezz ta’ xatba bin-numru 364 Triq il-Vitorja, illi huwa fil-fatt access komuni ma’ fondi ohra izda li pero` jaghti ghal tarag iehor mikxuf illi fix-xellug tieghu ghandu bieb illi jaghti ghall-mithna wkoll. Il-hajt tal-mithna f’dina l-parti hemm ukoll aperturi fuq l-istess spazju li l-fond kien jifforma kerrejja li parti minnha jipprovdi l-access ghal go l-ambjenti tal-fond in kwistjoni.

11. Il-fond huwa qadim hafna u qieghed fi stat pjuttost hazin u nieqes minn manutenzjoni. Il-kostruzzjoni hija mghamulha minn hitan hoxnin u soqfa bit-travi ta’ l-injam u xorok, tarag tal-franka u paviment tac-cangatura hlief f’xi ambjenti isfel fejn il-paviment huwa tat-tip terrazzo. Bhala aperturi l-maggior parti huma ta’ l-injam, hlief fl-ewwel tlett ambjenti fejn dawna huma tal-hadid.

12. Il-fond ukoll fih bir b’horza fl-ewwel bitha u horza ohra gewwa l-ambjent numru 2.

13. Bhala daqs il-fond ma huwiex zghir u huwa spazjuz bhala arja izda ghandu dahla dejqa u ma ghandux faccata kbira fuq it-triq u ghahekk hemm certu restrizzjonijiet kontra l-izvilupp fejn wiehed jista’ jimmassimizza l-potenzjal tad-daqs tas-sit. Tenut is-suespost u mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-fond huwa liberu u frank, l-esponent jistma l-fond kif deskritt fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin u hames mitt lira Maltin (Lm28,500).

14. Tenut ukoll dak illi ntqal partikolarment dwar l-access ghall-fond l-esponent ma jidhirlux illi l-fond jista’ jigi maqsum komodament u bla skapitu bejn il-kontendenti

f'dina l-kawza u ghalhekk hu tal-fehma illi l-fond ghandu jinbiegh b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigu maqsum ugwalment bejn il-partijiet skond il-kwoti rispettivi taghhom."

Rat ir-relazzjoni peritali tal-Perit Legali Dr. Joseph M. Buttigieg. Fiha qal:

**"PROVI**

………

Jigi rilevat pero`, illi ghal ragunijiet ta' certezza, din ir-relazzjoni hi l-aktar bazata fuq il-provi dokumentarji li gew esebiti milli fuq il-provi orali.

***BENI IN DIVIZJONI***

Id-Dokument RGI esebit fis-seduta tal-4 ta' Mejju 1988, jikkomprendi

(i) denunzja originali ta' Giuseppa Muscat, (omm il-partijiet, li mietet fit-30 ta' Novembru 1940), prezentata fit-2 ta' Jannar 1941;

(ii) denunzja addizzjonali ta' Giuseppa Muscat prezentata fit-30 ta' Ottubru 1957;

(iii) denunzja originali ta' Michele Muscat (missier il-partijiet, li miet fit-13 ta' Frar 1975) prezentata fil-21 ta' Awissu 1975; u

(iv) denunzja addizzjonali ta' l-istess Michele Muscat prezentata fid-19 ta' Mejju 1976.

Mid-denunzja originali u dik addizzjonali ta' Giuseppa Muscat jirrizulta illi dina halliet:

a. porzjoni indiviza minn dar numru 234 Victory Street, Qormi;

b. porzjoni indiviza minn dar numru 43 u 44 Victory Street, Qormi;

c. sehem indiviz minn diversi annimali, valutati kollha flimkien
£109;

d. sehem indiviz ta' *'jewellery'* stmat £8.

e. *1/5 of ¼ undivided part of 4 tumoli of land called "It-Turretta" limits of Sta. Venera,* kif deskritta w konfinata fl-imsemmija denunzja addizzjonali, li fiha kien hemm xi stabbli fi stat hazin hafna, konsistenti fi stalla, kantina u kamra ohra fuq l-istalla.

Mid-denunzja originali u dik addizzjonali ta' missier il-partijiet Michele Muscat, jirrizulta li dan halla:

a. nofs il-farmhouse numru 39, Victory Street, Qormi;

b. 1/5 x 1/5 x 1/5 *(sic)* ta' bicca art Carini Street, Sta. Venera, tal-kejl ta' 266 q.k., kif deskritta w konfinata fl-imsemmija denunzja addizzjonali;

Fl-istess seduta ta' l-4 ta' Mejju 1988, gie prezentat ukoll mill-attrici Rita Galea, id-Dokument RG2 li jikkonsisti f'kopja ohra tad-denunzja originali u dik addizzjonali ta' Michele Muscat. Kwindi dan id-dokument huwa rduppjat u m'hemmx ghalfejn issir referenza ghalih.

Kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici Rita Galea, fl-istess seduta, il-bieb principali tal-fond go Victory Street, Qormi li fl-1940 kien igib in-numru 43/44, illum igib in-numru 39. Ghalhekk huwa indikat b'dan in-numru ta' l-ahhar fid-denunzja tal-missier Michele Muscat.

L-istess attrici tghid ukoll illi l-porzjoni ta' art f'Sta. Venera, imsemmija fid-denunzja addizzjonali ta' l-omm, giet mibjugha b'kuntratt tan-Nutar Joseph Agius, meta kien ghadu haj missierhom Michele Muscat u kulhadd mill-ahwa Muscat ha sehemu.

Fl-istess seduta l-attrici Rita Galea xehdet ukoll illi d-dar l-ohra li kienet gejja mill-wirt ta' l-omm, ukoll inbieghet meta

kien ghadu haj il-missier u l-ahwa Muscat qasmu bejniethom dak li kien imiss lilhom.

Jidher car illi dan il-bejgh jirreferi ghall-porzjoni mid-dar f'numru 234 Victory Street, Qormi, imsemmija bhala item 1 fid-denunzja originali ta' Giuseppa Muscat.

Dan kollu ma gie kontradett minn ebda wahda mill-kontendenti l-ohra.

**BENI *STABBLI***

Ghaldaqstant, jirrizulta illi ghal dak li jirrigwarda beni stabbli in divizjoni bejn il-partijiet, jibqa' biss:

a. Id-dar numru 39 Victory Street, Qormi; u

b. Il-porzjoni ta' art f'Carini Street, Sta. Venera, imsemmija fid-denunzja addizzjonali ta' Michele Muscat

Il-porzjoni ta' art f'Carini Street, Sta Venera, hi deskritta b'dan il-mod fl-imsemmija denunzja:
*1/5 x 1/5 x 1/5 Ta' bicca art Carini Street Santa Venera tal-kejl ta' 266 qasab kwadri tmiss mill-punent mat-triq mit-tramontana ma' beni ta' John Mifsud u min-nofsinhar ma' beni ta' Richard Attard £34.-*

Dwarha hemm certa diffikulta, cioe` jekk fil-fatt ghadhiex tifforma parti mill-beni tal-wirt tal-genituri tal-partijiet.

Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2003, l-esponent talab specifikament informazzjoni dwar l-esistenza ta' din l-art u indikazzjoni tal-posizzjoni taghha f'Carini Street, Sta. Venera, kif indikat fid-denunzja addizzjonali ta' Michele Muscat. Il-partijiet prezenti ghas-seduta ma gharfux jaghtu l-informazzjoni mehtiega u ghalhekk sar il-verbal segwenti:

"...*Il-Perit Legali staqsa x'jafu l-partijiet dwar il-porzjoni ta' art imsemmija fid-denunzja addizzjonali ta' missierhom Michele Muscat.*

*Il-partijiet indikaw illi, sa fejn jafu huma, l-art li kellhom f'Sta. Venera kienet giet mibjugha fil-hajja ta' missierhom. Ghalhekk ma gharfux jispjegaw kif din l-art dahlet fid-denunzja addizzjonali.*

*Il-konvenut George Muscat li jidher li pprezenta l-istess denunzja addizzjonali (ara Dokument RG 1), ma attendiex ghas-seduta u ghalhekk ma setax jaghti ebda spjegazzjoni.*
*L-avukati tal-partijiet prezenti talbu lill-perit legali jghaddi ghar-relazzjoni u jhalli riseva ghal din l-art, kemm-il darba fil-futur jirrizulta li l-partijiet fadlilhom xi drittjiet fuqha."*

Kwindi, din il-porzjoni ta' art x'aktarx li hi l-istess wahda li nbieghet mill-missier u l-partijiet wara l-mewt ta' l-omm, bil-kuntratt tan-Nutar Joseph Agius fuq imsemmi. Jekk dan hu korrett, allura ddahhlet fid-denunzja addizzjonali bi zball, billi kienet gja mibjugha.

**Fi kwalunkwe kaz, din il-porzjoni ta' art ma hix ser tigi nkluza fid-divizjoni, billi l-ezistenza taghha bhala parti mill-beni tal-genituri tal-partijiet hi, biex wiehed jghid l-inqas, dubjuza.**

**In konformita` ma' dak li vverbalizzaw il-partijiet prezenti ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2003, qeghda pero` tithalla riserva dwar din l-art, favur il-kondividendi, kemm-il darba fil-futur tigi identifikata u jirrizulta li l-partijiet fadlilhom xi drittijiet fuq l-istess porzjoni ta' art.**

*OGGETTI TAD-DEHEB* (JEWELLERY)
Fil-mori tal-kawza, il-partijiet ghamlu referenza ghal diversi oggetti tad-deheb illi allegatament kienu jappartjenu lill-genituri taghhom u li kellhom jinqasmu bejniethom. F'dan ir-rigward, l-esponent jirreferi:
(i) ghat-tlett ritratti esibiti fil-process bhala ***Dokumenti MCl, MC2, u Dokument 'T',***

(ii) ghad-denunzji tal-genituri tal-partijiet ***Dokument RGI*** *u* ***Dokument RG2*** *(kopja ohra ta' l-istess denunzja);*

(iii) ghall-lista ta' oggetti tad-deheb elenkata fix-xhieda ta' l-attrici Rita Galea tal-15 ta' Gunju 1988;

(iv) ghal dak li xehdet Maria Cassar, fis-seduta tat-13 t'April 1989, fejn qalet li qed tesebixxi lista tad-deheb li kellhom il-ġenituri taghha, liema lista jirrizulta mill-istess verbal li giet moqrija u konfermata mill-istess xhud u markata bhala ***Dokument MCI.***

**L-esponent jindika lil din l-Onorabbli Qorti li din il-lista huwa ma sabhiex mad-dokumenti li gew mghoddija lilu mill-Qorti, wara li l-Periti ta' qablu rritornaw il-process in kwistjoni.**

(v) l-affidavit ta' Giovanna Muscat - a fol 40 sa 47 tal-process - Din ix-xhud, wara li ghamlet referenza ghall-lista dwar l-oggetti tad-deheb li ghamlu l-atturi, (liema lista l-istess konvenuta ddeskriviet bhala *"fittizja")* fl-istess waqt tat hi stess lista ta' l-oggetti tad-deheb tal-genituri taghhom (fol 46 u 47 tal-process) u indikat kif dawn l-oggetti gew effettivament divizi bejn il-kontendenti.
(vi) ghall-ittra tat-2 ta' Mejju 1985 ta' l-Avukat Raymond Pace *(Dok MG3)* imsemmija fl-affidavit ta' Giovanna Muscat u esebita fis-seduta tal-14 ta' Frar 2003.

(vii) ghall-ittra tal-11 ta' Novembru 1983, imsemmja bhala esebita fl-affidavit ta' Giovanna Muscat u li ma nstabitx fil-process.

Fic-cirkostanzi, tenut kont ta' dak kollu li qalu l-partijiet u dak li jirrizulta mid-dokumenti, l-esponenti jirrileva li fir-rigward ta' l-oggetti tad-deheb ma hemmx differenzi kbar bejn dak li jghidu l-atturi u dak li ssostni Giovanna Muscat. L-esponent hu tal-fehema li dak li xehdet il-konvenuta Giovanna Muscat, fl-affidavit taghha, ghandu jigi accettat bhala l-verita` dwar dak li effettivament gara mill-oggetti tad-deheb appartenenti lill-genituri tal-partijiet, billi anke jekk biss in parti, dan hu konfermat anke mill-atturi.

**Bhala konsegwenza jezistu ragunijiet validi biex wiehed jikkonkludi li d-deheb tal-konjugi Muscat,**

**genituri tal-partijiet, inqasam b'mod ragonevoli bejn il-partijiet.**

Izda, apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hemm ukoll kunsiderazzjoni ohra, li taghlaq il-kwistjoni tal-qasma ta' l-oggetti tad-deheb.

Fit-testment tieghu tas-26 ta' Frar 1966 in atti Dottor Joseph Agius, (Dok A, fol 5 tal-process) it-testatur Michele Muscat iddispona hekk:

*It-Tielet Artikolu -*

*It-testatur qed ihalli b'titolu ta' prelegat lil bintu Giovanna l-ghamara u l-oggetti mobili kollha li jkunu d-dar tal-abitazzjoni tat-testatur inkluzi flus kontanti pero` eskluzi l-imsemmija animali. It-testatur jiddikjara li hu jaf illi l-imsemmija effetti mobili ma jappartjenux kollha lilu imma jappartienu wkoll lill-eredi ta' martu.*

Kwindi, kull oggett tad-deheb li kien jinsab fid-dar tat-testatur, fil-gurnata tal-mewt tieghu, anke jekk kien jappartjeni biss in parti lilu u kien jappartjeni ghall-kumplament lill-eredi ta' martu (cioe` l-partijiet) jigi kolpit minn dan il-prelegat, li hu validu skond il-ligi.

Infatti, l-Artikolu 696 tal-Kodici Civili jistipula hekk:

**696.** ***(1) Il-legat tal-haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu; f'dan il-kaz il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex jghaddiha lill-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.***
***(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b'legat, ghalkemm tkun ta' haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjeta` tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta' dik il-haga huwa validu.***

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' Giovanna Muscat, mnejn jirrizulta li d-divizjoni ta' l-oggetti tad-deheb bejn il-partijiet saret qabel il-mewt ta' missierha. Kieku ma

lahaqx sar hekk, kieku l-oggetti kollha tad-deheb kienu jinqabdu fil-prelegat imholli mill-missier u kienu jigu jappartjenu kompletament lil Giovanna Muscat, bhala parti mill-effetti mobbli li kien hemm fid-dar tar-residenza tal-missier.

Huwa sinifikanti wkoll illi fid-denunzja tal-missier ma jissemmewx oggetti tad-deheb – la fid-denunzja originali u anqas f'dik addizzjonali.

**Ghalhekk l-esponent jikkonkludi li ma ghandhomx jidhlu fid-divizjoni tal-beni tal-genituri tal-partijiet, oggetti tad-deheb u effetti ohra simili.**

***MOBBLI U FLUS KONTANTI***

Fit-testment in atti Dr. Joseph Agius tas-26 ta' Frar 1966, Michele Muscat, permezz tat-tieni artikolu, fl-ewwel lok iddikjara illi l-annimali li kienu fid-dar fejn kien joqghod ma kienux tieghu imma kienu jappartjenu lil ibnu George, u ddikjara oltre illi jekk it-testatur ikollu xi annimali (ovvjament fil-gurnata tal-mewt tieghu) hu kien qieghed ihallihom b'titolu ta' prelegat lill-istess ibnu George.

Permezz tat-tielet artikolu ta' l-istess testment, l-imsemmi testatur halla lil bintu Giovanna Muscat, konvenuta f'din il-kawza, l-ghamara u l-oggetti mobbli kollha li jkunu fid-dar ta' l-abitazzjoni tat-testatur, inkluzi flus kontanti pero` eskluzi l-annimali msemmija fit-tieni artikolu. It-testatur iddikjara illi l-imsemmija effetti mobbli ma kienux jappartjenu kollha lilu, imma kienu jappartjenu wkoll lill-eredi ta' martu.

**Tenut kont ta' dan kollu, jirrizulta allura illi kemm l-annimali kif ukoll l-immobbli kollha, <u>inkluzi oggetti tad-deheb u flus kontanti</u> li kien hemm fid-dar tat-testatur fil-gurnata tal-mewt tieghu, m'ghandhomx jidhlu in divizjoni billi thallew bi prelegat, kif fuq spjegat, kwantu ghall-annimali lil konvenut George Muscat u kwantu ghall-bqija lill-konvenuta Giovanna xebba Muscat.**

*VERTENZI OHRA*

Waqt id-depozizjonijiet ta' xhieda prodotti, saru diversi referenzi ghal sehem minn porzjoni ta' art li whud mill-kontendenti jippretendu li missierhom kellu fil-gzira ta' Ghawdex. Issemma wkoll gbir ta' qbiela, mill-istess art, minn huhom il-konvenut George Muscat. Gie allegat illi l-istess George Muscat kien qabbel l-allegata porzjoni ta' art lil terzi persuni.

Fil-verita`, dawn l-allegazzjonijiet baqghu ma gewx b'ebda mod sostanzjati, b'xi forma ta' dokument li fuqu jew permezz tieghu setghet tigi pruvata l-ezistenza tal-propjeta`.

In mankanza ta' prova sufficjenti, l-esponent jidhirlu li ma jistax isir mod iehor hlief li din l-Onorabbli Qorti tiskarta kompletament il-pretensjoni avanzata minn uhud mill-kontendenti, f'dan ir-rigward.

**DONAZZJONI LILL-KONVENUTI GIOVANNA U GEORGE MUSCAT**

B'kuntratt tal-14 t'April 1959, in atti Nutar Dottor John Spiteri Maempel, Michele Muscat - missier il-partijiet - assenja u ttrasferixxa lil Giorgio Muscat u Giovanna xebba Muscat (konvenuti) b'titolu ta' donazzjoni:

"…*nofs indiviz kull wiehed …… porzjoni ta' sit fabbrikabbli Hal-Qormi, New Street, tal-kejl superficjali ta' 59 q.k. u konfinanti minn nofsinhar in parti ma' New Street u in parti ma' beni ta' Giorgina Cassar*, *mill-Punent ma' beni ta' Giorgio Cassar, mil-Lvant in parti ma' beni ta' Giorgina Cassar u in parti ma' beni ta' Carmelina Cassar*, *u mit-tramontana ma' beni tad-donanti, soggetta ghas-servitu ta' twieqi ta' beni vicini u bhala soggetta ghac-cens annwu perpetwu ta' Lm11.160.*

Fl-istess kuntratt, hemm ukoll id-dikjarazzjoni segwenti:

"... *Id-donanti jezenta lill-imsemmija zewg uliedu, cioe` lill-komparenti Giorgio Muscat li proprio et nomine jaccetta,*

*minn kwalunkwe obbligu ta’ kollazzjoni relattivament ghall-immobbli b’dana l-att donata fi kwalunkwe divizjoni u likwidazzjoni futura ta’ l-assi tieghu.”*

Permezz tar-Raba’ Artikolu tat-testment tieghu tas-26 ta’ Frar 1966, fl-atti tan-Nutar Joseph Agius *(Dok A)* Michele Muscat zied jiddisponi hekk:

*It-testatur jezenta lil uliedu kollha mill-obbligu li jikkonferixxu fil-qasma tal-wirt tieghu dak kollu li skond il-ligi jkun soggett ghal kollazzjoni u imputazzjoni.*

**Kwindi, din il-porzjoni ta’ art ma’ tidholx in divizjoni.**

***IMMOBBLI IN DIVIZJONI***

Jibqa’ b’hekk in divizjoni bejn il-partijiet, l-immobbli li jinsab f’numru 370 Triq il-Vitorja, Hal Qormi.

Dan l-istabbli gie deskritt mill-Perit Tekniku l-AIC David Pace, fir-relazzjoni tieghu prezentata f’din il-kawza. Mill-istess relazzjoni jirrizultaw zewg hwejjeg, cioe`:

*13) Bhala daqs il-fond ma huwiex zghir u huwa spazjuz bhala arja izda ghandu dahla dejqa u ma ghandux faccata kbira fuq it-triq u ghalhekk hemm certu restrizzjonijiet kontra l-izvilupp fejn wiehed jista’ jimmassimizza l-potenzjal tad-daqs tas-sit. Tenut is-suespost u mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-fond huwa liberu u frank, l-esponent jistma l-fond kif deskritt fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin[elf] u hames mitt lira Maltin (Lm28,500).*

*14) Tenut ukoll dak illi ntqal partikolarment dwar l-access ghall-fond l-esponent ma jidhirlux illi l-fond jista’ jigi maqsum komodament u bla skapitu bejn il-kontendenti f’dina l-kawza u ghalhekk hu tal-fehema illi l-fond ghandu jinbiegh b’licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi maqsum ugwalment bejn il-partqiet skond il-kwoti rispettivi taghhom.*

L-Artikoli tal-Ligi - Kodici Civili Kap 16 - rilevanti f'din is-sitwazzjoni, huma s-segwenti:

*496. (1) Hadd ma jista' jkun imgieghel jibqa' fil-komunjoni, kull wiehed mill-komproprjetarji jista' dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort'ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'ghandhiex issir jew li ghandha tinzamm sospiza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 906.*

**(2)** *Izda jiswa l-ftehim li l-komunjoni tibqa' ghal zmien determinat, li ma jkunx jaqbez il-hames snin; u kull ftehim ghal zmien itwal hu null ghal dak iz-zmien li jkun jaqbez il-hames snin.*

*515. (1) Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawk il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom.*

*(2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni li ebda wahda mill-partijiet li jkunu qeghdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tiehu.*

*516. Meta hemm lok ghal licitazzjoni, din tista' tigi mitluba minn kull wiehed mill-kompropjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-haga.*

Fir-rigward, ara wkoll:

- **Grech v G. Zammit** -Appell Civili 15.07.69
- **Giovanni Bugeja v Prof. Don P P Saydon** (25.02.1946) Vol 32 p.l p.368

- **Kurunell Stephen Borg ne v AIC Gustavo Romeo Vincenti** - App Civ. 29.03.1957

**In vista tal-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku D. Pace, l-immobbli de quo ghandu, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-ligi, jigi migjub ghall-bejgh in licitazzjoni, bil-valur stabbilit ta' Lm28,500, skond l-imsemmija**

**valutazzjoni, u dana a tenur tat-tielet domanda fic-citazzjoni.**

Il-fond in kwistjoni kien jappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-genituri tal-kontendenti.

Giuseppa Muscat mietet fit-30 ta’ Novembru 1940, bla testment u ghalhekk sehemha mill-istess fond ghandu jinqasam skond il-ligi bejn l-erba’ wliedha, cioe` kontendenti originali fil-kawza, f’ishma ugwali bejniethom.

Michele Muscat miet fit-13 ta’ Frar 1975, b’zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius, tas-26 ta’ Frar 1966 u t-3 ta’ Novembru 1969 rispettivament.

Bl-artikolu hamsa ta’ l-ewwel testment - *Dok A, fol 5 tal-process* —Michele Muscat iddispona hekk:

*“Salvi u fermi l-precedenti disposizzjonijiet it-testatur jinnomina u jistitwixxi unici eredi universali proprietarji tieghu lill-uliedu Giorgio, Giovanna xebba, Rita mart Giuseppe u Maria mart Nazzareno Cassar.”*

**Kwindi, sehem Michele Muscat mill-fond li ghandu jinbiegh in licitazzjoni, ghandu jinqasam ukoll ugwalment bejn l-imsemmija erba’ ahwa, il-kontendenti originali.**

Ghalhekk, wara l-bejgh in licitazzjoni tat-fond li llum igib in-numru 370 Triq it-Vitorja, Qormi, proprjeta` in komun bejn il-kontendenti, ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment f’erba’ ishma ugwali, b’dana illi:

i jigi assenjat sehem kull wiehed lil George Muscat, Rita Galea u Maria Cassar (ahwa Muscat); u

ii. l-ahhar sehem jigi assenjat lil Josephine Axisa bhala werrieta ta’ Giovanna Muscat, li mietet fil-mori tal-kawza u b’digriet tal-21 ta’ Gunju 2000 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f’isem Josephine Axisa.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Legali. Wara li gew eliminati d-diversi oggetti ohra jibqa' in divizjoni bejn il-partijiet il-fond 370, Triq il-Vitorja, Hal-Qormi. Dan il-fond huwa pjuttost kbir u spazjuz izda ghandu dahla dejqa u m' ghandux faccata kbira fuq it-triq u gie stmat mill-Perit David Pace ghal Lm28,500. Din il-Qorti taqbel mal-Perit Arkitett u Perit Legali li dan il-fond ma jistax jigi maqsum komodament u ghalhekk thoss li ghandu jinbiegh bil-licitazzjoni biex ir-rikavat jigi maqsum bejn il-partijiet. Ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment f' erba' ishma, sehem wiehed lil George Muscat, sehem iehor lil Rita Galea, sehem iehor lil Maria Cassar u sehem iehor lil Josephine Axisa (werrieta ta' Giovanna Muscat).

Fil-fatt kemm fl-eccezzjoni ta' Giovanna Muscat kif ukoll ta' Giorgio Muscat ma kienx hemm oppozizzjoni ghat-talba ghad-divizjoni. Ghaldaqstant riferibbilment ghall-ewwel talba biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn Michele u Giuseppa Muscat, dan illum m' ghad fadal xejn x' jigi likwidat ghajr ir-rikavat tal-fond 370, Triq il-Vitorja, Qormi u ghalhekk sejra tipprovdi dwarha fit-tielet talba;

Riferibbilment ghal biex l-attiv kollu tal-eredita` ta' Michele Muscat jigi likwidat u wara li jigu sodisfatti l-legati u prelegati msemmija l-istess eredita` tigi diviza f'erba' porzjonijiet ugwali u lil kull wiehed mill-kontendenti tigi assenjata wahda mill-istess erba' porzjonijiet, kif fuq spjegat illum kull m' ghad fadal in komunjoni huwa l-fond fuq imsemmi u ghalhekk sejra tipprovdi dwar dan fit-tielet talba;

Ghalhekk tordna l-bejgh b' licitazzjoni tal-fond 370, Triq il-Vitorja, Qormi li jirrizulta li mhux komodament divizibbli;

Dwar it-talba ghan-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att ta' divizjoni u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att, dan mhux necessarju stante li giet milqugha t-tielet talba.

Spejjez kwart (1/4) kull wiehed bejn George Muscat, Rita Galea, Maria Cassar u Josephine Axisa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------